# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2021

## INDIRIZZ TAL-UFFIĊJAL KAP EŻEKUTTIV

Rick Hunkin

Bank of Valletta

Għeżież Azzjonisti,

Ningħaqad maċ-Chairman biex nilqgħek għal din is-47 Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Grupp BOV.

Sfortunatament, għal darb'oħra, fid-dawl tal-pandemija COVID-19 li għaddejja u fl-aħjar interess tas-saħħa u s-sigurtà, din il-LĠA qed tinżamm b'mod virtwali.

Se niffoka fuq il-punti ewlenin tar-riżultati finanzjarji tal-Bank għall-2020 u se naġġornakom ukoll dwar dak li għaddej fil-Grupp BOV f'numru ta' oqsma, speċjalment il-progress li qed niksbu fl-istrateġija BOV 2023.

Dawn ir-riżultati sħaħ u l-kummentarji tista' ssibhom fir-Rapport Annwali u d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tal-Bank li huma disponibbli fuq il-websajt tal-Bank.

## PUNTI PRINĊIPALI DWAR IL-PRESTAZZJONI TAL-BOV

Kif konna qed nistennew, ir-riżultati finanzjarji għall-2020 sfaw milquta mill-pandemija COVID-19, iżda madankollu l-prestazzjoni sottostanti baqgħet b'saħħitha.

Il-pandemija globali COVID-19 ikkawżat tfixkil enormi fid-dinja tan-negozju u fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Setturi tal-ekonomija bħat-turiżmu, l-akkomodazzjoni u r-ristoranti ntlaqtu b'mod partikolari u nistgħu biss nittamaw għal li fi żmien qasir nerġgħu lura għal xi grad ta' normalità.

Aħna konxji tar-rwol ewlieni li għandu l-BOV fl-ekonomija Maltija u fil-komunitajiet u l-klijenti li naqdu, u pprovdejna appoġġ sinifikanti u mifrux lill-klijenti tagħna li batew minn problemi finanzjarji u nuqqas ta' likwidità. Aħna pprovdejna appoġġ estensiv permezz ta' moratorja fuq is-self u permezz tal-iskema appoġġjata mill-Gvern u mill-Bank Malti għall-Iżvilupp (MDB).

In-negozji u l-konsumaturi tagħna s'issa qed juru reżiljenza notevoli f'dan l-ambjent ta' sfidi kbar li ninsabu fih, iżda kellna nagħmlu l-proviżjonament neċessarju minħabba ż-żieda fir-riskju tal-kreditu. Għalkemm għadna ma nafux kemm ħa jdum l-impatt tal-COVID-19, jista jkun li partijiet minn dawn il-proviżjonijiet jiġu rilaxxati meta nerġgħu lura għan-normalità.

Aħna ġejna meħtieġa nagħmlu proviżjonijiet fuq self li ilu ma jrendi għal tul ta' żmien skont regolamenti li se jkollhom impatt sal-2023. Iffokajna l-enerġija tagħna, b'mod sinifikanti fuq dawn id-djun, u b'riżultat ta' dan, irkuprajna diversi ammonti matul l-2020. Aħna se nkomplu niffokaw fuq dan, bil-għan tagħna jkun li nnaqqsu b'mod konsiderevoli dan is-self minn diversi snin ilu sabiex nillimitaw aktar proviżjonijiet waqt li nirkupraw id-dejn fejn dan ikun possibbli.

Komplejna bil-programm ta' de-risking matul l-2020 u investejna aktar fil-ħolqien ta' profil ta' riskju aktar baxx għall-Bank waqt li tejjibna konsiderevolment il-kontrolli tagħna. L-aptit għar-riskju tagħna issa jirrifletti bilanċ aħjar bejn ir-riskju u r-riżultati miksuba, b'dan l-investiment ikun kritiku biex naslu għal bank sostenibbli.

Kif ħabbarna dan l-aħħar, l-investiment fid-de-risking naqas b'mod sinifikanti minħabba li dawn il-proġetti qed jaslu fil-fażi ta' negozju normali u nħarsu biex l-investimenti tagħna jkunu ffukati lejn l-istrateġija tagħna kif ukoll tkabbir u sostenibbiltà aktar b'saħħitha.

Bħala riżultat ta' dawn il-fatturi kollha, ir-riżultat aħħari tal-2020 naqas b'mod sinifikanti meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Meta nqisu l-impatt dirett tal-pandemija u ta' avvenimenti ta' darba waħda, naraw li l-prestazzjoni sottostanti tal-Bank baqgħet b'saħħitha minkejja l-ambjent ta' rati ta' imgħax li qed jaħdem kontrina. L-għan tal-istrateġija l-ġdida tagħna hija biex tiżgura li l-Bank ikun f'pożizzjoni tajba biex iwassal tkabbir fil-ġejjieni u prestazzjoni aktar konsistenti u sostenibbli ladarba l-ambjent operattiv jistabbilizza ruħu.

## PRESTAZZJONI FINANZJARJA TAL-GRUPP

Induru issa għall-figuri.

Il-Grupp Bank of Valletta ħabbar qligħ qabel it-taxxa ta' €15.2 miljun għas-sena li għalqet fit-30 ta' Diċembru 2020, tnaqqis ta' €74 miljun jew 83% meta mqabbel mal-2019.

Mingħajr l-aġġustamenti ġejjin minn numru ta' avvenimenti, il-qligħ qabel it-taxxa jkun ta' €100.7 miljun, tnaqqis ta' €37.4 miljun jew 27% meta mqabbel mas-sena ta' qabel meta l-profitt qabel it-taxxa kien ta' €138.1 miljun.

L-aktar avvenimenti sinifikanti kienu:

- €38.1 miljun relatati ma' żidiet fil-proviżjonijiet ta' kreditu bil-biċċa l-kbira minnhom attribwiti għall-COVID-19;
- € 39.8 miljun f'impairment charges għal self li ilu ma jrendi għal tul ta' żmien, xprunati minn bidliet fil-politika regolatorja fid-dawl tal-ambjent ekonomiku attwali;
- Investiment ta' €15.8 miljun fil-programm ta' trasformazzjoni tal-Bank, filwaqt li reġġajna lura s-somma netta ta' €8.1 minn proviżjonijiet għall-każ ta' litigiazzjoni tal-Aġenzija tal-Pensjonijiet Svediża (SPA), liema każ ġie solvut.

Id-dħul nett mill-imgħax kien ta' €146.8 miljun, €6 miljun inqas mill-2019, u dan is-sors ewlieni tad-dħul. It-tkabbir fid-depożiti flimkien ma' rati ta' imgħax negattivi persistenti jkomplu jħallu impatt fuq il-marġni netti ta' imgħax tal-Bank. Securities li qabel kienu jiġġeneraw qligħ, kienu qed jimmaturaw u issa qed jiġu investiti mill-ġdid b'rati aktar baxxi jew negattivi.

Id-dħul mill-Kummissjonijiet u mill-Kummerċ kien ta' €78.8 miljun, €12.1 miljun inqas mis-sena ta' qabel, fejn dan ħass ħafna l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Rajna tnaqqis fl-użu tal-kards u fin-negozju tal-pagamenti hekk kif l-attività ekonomika naqset b'mod sinifikanti - speċjalment matul il-perjodu inizjali ta' lock-down.

L-ispejjeż operatorji żdiedu bi €15.9 miljun jew 11.5% għal €154.6 miljun. Dan seħħ l-aktar minħabba żieda fil-kumpens lill-impjegati, attribwibbli għall-benefiċċji tal-irtirar ta' €5.2 miljun imħallsa taħt l-Iskema ta' Rtirar Bikri Volontarju, kif ukoll l-investiment kontinwu f'ħiliet u riżorsi ġodda. Barra minn hekk, l-investiment fis-sistema bankarja ewlenija l-ġdida tal-IT implimentata fil-bidu ta' din is-sena wassal għal spiża ta' amortizzazzjoni miżjuda ta' €4 miljun.

Il-proporzjon bejn l-ispejjeż u d-dħul (cost to income ratio) kien ta' 66.8% (2019: 55.7%)

## IL-QAGĦDA TAL-KARTA TAL-BILANĊ

L-assi totali tal-Grupp laħqu €12.9 biljun f'Diċembru 2020 li huwa 5% ogħla mis-sena ta' qabel. Id-depożiti tal-klijenti żdieu b'€642 miljun (6%).

Flus kontanti u fondi fuq terminu qasir żdiedu b'€106.6 miljun jew 2.6% matul is-sena. Il-proporzjon tal-likwidità tal-Grupp huwa ta' 463% li jirrifletti t-tkabbir straordinarju tad-depożiti li qabeż id-domanda għas-self. Il-portafoll tal-investimenti finanzjarji naqas b'5.2% jew €172 miljun meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Dan kien xprunat minn securities li mmaturaw u ġew sostitwiti minn oħrajn b'rendimenti aktar baxxi.

Is-self u l-avvanzi netti żdiedu b' €296 miljun, jew b'6.6%, matul is-sena u laħqu l-€4.7 biljun fil-31 ta' Diċembru 2020.

Il-proporzjon CET1 żdied minn 19.5% għal 20.9%, u l-proporzjon tal-kapital totali tjieb minn 23.1% għal 24.5% sal-aħħar ta' Diċembru 2020.

## POSPONIMENT TAL-ĦLAS TAD-DIVIDEND

Fid-dawl tax-xenarju attwali u f'konformità mal-gwidi regolatorji, il-Bord iddeċieda, b'mod responsabbli, li ma jiddikjarax distribuzzjoni ta' dividendi għas-sena 2020. Aħna nifhmu li din l-aħbar tista' tkun diżappuntanti, iżda huwa importanti li jinżamm approċċ prudenti fl-ambjent ekonomiku attwali.

## AĠĠORNAMENT DWAR IL-LITIGAZZJONI

Għalkemm indirizzajna b'suċċess tnejn mit-talbiet ta' litigazzjoni storiċi li ilhom pendenti kontra l-Grupp, it-talba ta' Deiulemar tibqa' pendenti u tkompli tkun sinifikanti. Il-Grupp jibqa' sod, abbażi tal-opinjonijiet legali robusti (inkluż waħda mill-awtorità indipendenti u speċjalizzata ewlenija tal-Italja f'dawn l-oqsma), li din it-talba hija totalment mingħajr mertu. Il-Bank ilu jagħmel sforzi fuq il-fronti kollha biex jiżgura smigħ ġust u indipendenti li mingħajr dubju għandu jiċħad din it-talba. Il-Bank se jkompli jfittex kull metodu legali disponibbli għad-dispożizzjoni tiegħu biex iġib bidla fil-proċess ġudizzjarju u jingħata eżitu ġust.

Il-Grupp kien qed jesplora wkoll diversi mezzi biex isolvi dan il-każ, inkluża offerta ta' saldu lill-kontroparti – liema offerta ma ġietx aċċettata. L-ebda proviżjonijiet addizzjonali għall-litigazzjoni, aktar minn dawk li saru fl-aħħar sentejn, ma tqiesu neċessarji u se nkomplu nuru determinazzjoni qawwija sakemm din il-kwistjoni tingħalaq.

## AĠĠORNAMENT DWAR BANEK KORRISPONDENTI

Kif ħabbarna aktar kmieni dan ix-xahar, il-Bank of Valletta diġà qed jirċievi ħlasijiet permezz ta' Western Union Business Solutions minn żewġ clearers ewlenin fid-dollaru Amerikan. Il-bidla totali minn Raiffeisen Bank International għal Western Union Business Solutions bdiet mill-10 ta' Mejju 2021.

## AĠĠORNAMENT DWAR IL-PJAN STRATEĠIKU - BOV 2023

Waħda mill-ewwel prijoritajiet tiegħi bħala Kap Eżekuttiv kienet li nimpenja lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-Bord biex tinħoloq strateġija li tħares 'il quddiem għall-Grupp BOV.

Il-mudell tan-negozju tal-operat tal-banek għall-konsumatur qed jinbidel b'rata mgħaġġla hekk kif ir-rati tal-imgħax baxxi fuq livell rekord ikomplu jagħmlu pressjoni fuq il-marġni tal-imgħax nett, l-akbar sehem mid-dħul. L-innovazzjoni teknoloġika, fil-biċċa l-kbira tal-linji tan-negozju u t-talbiet regolatorji iebsin għal banek sistemiċi bħall-Bank of Valletta, qed ibiddlu x-xenarju bankarju tradizzjonali.

Dawn it-tibdiliet teknoloġiċi jipprovdulna l-opportunità biex inwasslu mod aktar modern u aktar sempliċi ta' kif naqdu lill-klijenti tagħna u rridu nappoġġjaw l-isforz mifrux biex nawtomatizzaw is-servizzi tagħna u nitbiegħdu minn proċessi li fihom ħafna spejjeż, speċjalment l-użu ta' flus kontanti u ċekkijiet, u nimxu lejn użu akbar ta' mezzi bankarji elettroniċi. Din il-viżjoni tippermettilna li nmantnu l-firxa wiesgħa tal-fergħat tagħna. L-istrateġija BOV 2023 tqiegħed sfida quddiem l-organizzazzjoni kollha biex inżidu l-effiċjenza, intejbu s-servizz li noffru lill-konsumatur u nistinkaw biex niġġeneraw aktar valur kemm għall-klijenti tagħna kif ukoll għall-Bank.

Waqqafna tim ta' implimentazzjoni tal-istrateġija b'ħafna ħiliet inkarigat biex jikkoordina d-diversi inizjattivi li se jkunu qed jittieħdu fi ħdan dan il-programm estensiv. L-ewwel mewġa ta' inizjattivi diġà qed tiġi implimentata u se nniedu diversi proġetti ġodda hekk kif jiġi ffinalizzat il-proċess ta' reklutaġġ fl-istruttura organizzattiva l-ġdida.

L-għanijiet strateġiċi ewlenin li jirfdu l-istrateġija korporattiva u l-proġetti li għaddejjin huma:

- It-Trasformazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-mudell tal-operat;
- L-ibbilanċjar mill-ġdid tal-karta tal-bilanċ;
- offru valur superjuri għall-klijenti.
- Biex niżguraw li l-istrateġija BOV 2023 tiġi implimentata b'suċċess qed nagħtu importanza lill-faċilitaturi ewlenin tagħna:
- Soluzzjonijiet tal-informatika u tal-analiżi tad-dejta b'saħħithom;
- Investiment qawwi fin-nies tagħna;
- Tisħiħ kontinwu tal-Governanza u r-Riskju tagħna.

Bi ħġari qed immexxi dan il-programm ta' trasformazzjoni intensiv li se jara li l-Bank of Valletta jsir bank aktar effiċjenti, aktar diġitali u aktar orjentat lejn il-konsumatur.

## DIKJARAZZJONI TAL-GĦELUQ

L-2020 kienet sena ta' sfidi kbar, iżda waħda fejn il-benefiċċji ta' kapital u bafers ta' likwidità b'saħħithom kienu ċari. Ċertu riskji se jibqgħu għall-bank, iżda hemm ukoll potenzjal qawwi meta nħarsu 'l quddiem lejn irkupru ekonomiku f'terminu medju jew itwal.

Nixtieq ningħaqad maċ-Chairman tagħna biex nirringrazzja minn qalbi lill-impjegati tagħna kollha talli adattaw għall-ħafna sfidi li wasslitilna s-sena 2020. Talli marru lil hinn minn dak mistenni minnhom biex jipprovdu kontinwità tas-servizzi lill-klijenti tagħna. Apprezzament speċjali jmur għall-front-liners tagħna, l-eroj tagħna li ħadmu wiċċ'imb'wiċċ mal-klijenti biex jipprovdu servizzi personalizzati fejn kienet meħtieġa l-assistenza tagħhom. L-2020 se tidħol fl-istorja bħala waħda mill-iktar snin ta' taqlib fi żminijietna.

Li tadatta għall-bidla mhuwiex faċli imma huwa l-uniku mod biex nimxu 'l quddiem. Jiena fiduċjuż li l-pjan strateġiku ambizzjuż BOV 2023 li nedejna se jwassal għal titjib konsiderevoli fil-modi kif noperaw u fil-kwalità tas-servizz li noffru lill-klijenti tagħna. Inħeġġeġ lill-impjegati, lill-klijenti u lill-azzjonisti kollha tagħna biex iħaddnu l-bidla inevitabbli li qed niffaċċjaw u biex niġbdu ħabel wieħed, kull wieħed bil-mod tiegħu, sabiex fi ftit snin oħra nħarsu lura u nkunu kburin li biddilna l-akbar Bank ta' Malta f'bank aktar sempliċi u sostenibbli fit-tul.

**Rick Hunkin**
**Uffiċjal Kap Eżekuttiv**
**20 ta' Mejju 2021**

Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju u s-servizzi ta' investiment f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta).

BOV
Bank of Valletta